**30 ta' Marzu, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Galea

**Ċitazzjoni - Nullita`**

*Jekk l-imputat jidher fl-awla korretta u jinsemgħu l-provi fil-presenza tiegħu, ma jistax jallega li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni hija nulla billi m'hemmx indikat fiha l-Qorti li quddiemha huwa ġie mħarrek, stante li l-istess presenza tiegħu fl-awla korretta tfisser li ċ-ċitazzjoni laħqet l-iskop tagħha.*

Il-Qorti:-

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Frar, 1989 li biha sabet lill-imputat ħati talli fi Plot 38, Triq il-Ħobbejża, Iż-Żejtun, għamel xogħol ta' bini mingħajr il-permessi neċessarji tal-

PAPB u wara li rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10, ikkundannatu għal multa ta' Lm50 u ordnatlu sabiex iwaqqa' l-imsemmija kostruzzjonijiet ossia jottempera ruħu mal-liġi fi żmien tliet xhur minn dak in-nhar, taħt penali ta' Lm25 multa kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Joseph Galea li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata u tillberah minn kull ħtija u piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha ta' l-appell u d-dokumenti esebiti;

L-avukati difensuri kienu ttrattaw l-ewwel tlett (3) aggravji fir-rikors ta' l-appellant u l-kawża kienet tħalliet għad-deċiżjoni għad-29 ta' Jannar, 1993;

Imbagħad saru ħafna differimenti fejn ma sar xejn;

Fis-27 ta' Ġunju, 1994 l-appell kien reġa' tħalla għad-deċiżjoni għas-17 ta' Ottubru, 1994;

Imbagħad reġa' saru diversi differimenti fejn ma sar xejn;

Fl-20 ta' Frar, 1995 l-appell kien ġie ddikjarat deżert;

Reġa' ġie appuntat għat-3 ta' Marzu, 1995 fl-10.30 a.m. Dak in-nhar l-appellant deher sprovvist mill-avukat tiegħu, billi ma kienx infurmah. Kien għalhekk tort tad-differimenti jekk l-avukat ta' fiduċja ma deherlux u għalhekk il-Qorti, wara li rat id-diversi differimenti li kien ngħataw preċedentement, ordnat lill-Avukat tar-Repubblika jittratta mill-ġdid; qabel ma terġa' tħalliha għad-deċiżjoni;

Dr. S. Camilleri ttratta u l-appell tħalla għal-lum għad-deċiżjoni fuq l-ewwel tlett aggravji ta' l-appellant;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu s-segwenti:

**"Iċ-ċitazzjoni in kwistjoni hija nulla billi m'hemmx indikat fiha l-Qorti li quddiemha l-esponent ġie mħarrek u kwindi s-sentenza fuq l-istess ċitazzjoni hija wkoll nulla"**;

Jidher li l-appellant irid jagħti x'jifhem li fiċ-ċitazzjoni m'hemmx indikat quddiem liema Qorti kellu jidher l-imputat (l-appellant);

Fiċ-ċitazzjoni hemm indikat li l-imputat kien ġie mħarrek biex jidher quddiem **il-Qorti Kriminali tal-Pulzijia Ġudizzjarja ta'** (imbagħad hemm) **Hall C**;

Mill-provi prodotti jirriżulta li fil-fatt l-imputat kien deher fl-awla korretta, f'Malta kienu nstemgħu l-provi fil-presenza tiegħu. Il-post iż-Żejtun, fejn sar l-allegat reat jinsab Malta. Inoltre fl-atti ta' dan l-appell ġie anness il-proċess li jikkontjeni s-sentenza li biha l-appellant kien instab ħati u jekk wieħed jeżaminaha u jipparagunaha ma' dak illi hemm fir-rikors ta' l-appell ma jistax ikun hemm dubbju li ma saret ebda konfużjoni;

Għalhekk il-komparixxi laħqet l-iskop tagħha u m'hemmx lok ta' nullita`. L-ewwel aggravju mhux sostenibbli (Ara sentenzi ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Settembru, 1993 fl-ismijiet **Pulizija *vs* Mario Grech**; u **Pulizija *vs* Joseph Zahra**, 28 ta' Awissu, 1991);

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li:

**"Il-post li fuqu sar l-allegat bini kontra l-liġi mhuwiex indikat kif trid il-liġi biex ma jkunx hemm ebda ekwivoku dwaru. Dan peress illi "Plot 38" mhuwiex xi numru uffiċjalment maħruġ mill-awtorita' kompetenti u għalhekk biex ma jkun hemm ebda dubbju kellhom jiġu ndikati l-irjieħ tal-proprjeta' in kwistjoni";**

L-istess raġunament li għamlet il-Qorti dwar l-ewwel aggravju għandu japplika wkoll għat-tieni aggravju ta' l-appellant. Fil-fatt mill-provi prodotti (ara relazzjoni tal-Perit Huntingford u l-pjanti esebiti u anke x-xhieda ta' l-istess appellant fol. 9-11), jirriżulta li ma kien hemm ebda dubbju dwar liema bini kien qed jiġi akkużat l-appellant;

*Għalhekk lanqas dana l-aggravju m'hu sostenibbli;*

It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li:

**"Kif jirriżulta minn sempliċi eżami tal-komparixxi, jidher ċar illi fit-22 ta' Frar, 1989 il-Maġistrat sedenti l-ewwel iddifferixxa l-kawża għas-16 ta' Mejju, 1989 u ordna li jinħareġ mandat kontra l-esponent u wara daħħlu biex jagħmel il-kawża li ġiet ittrattata kontra l-volonta' tiegħu u deċiża bla ma huwa kellu l-opportunita' li jagħmel sottomissjonijiet. Dana peress illi sfortunatament il-Qorti ma tatux opportunita' illi jkun assistit mid-difensur tiegħu";**

Illi dina l-kawża (sommarja) bdiet fil-5 ta' Frar, 1987 u ġiet iddifferita għat-30 ta' April, imbagħad għat-28 ta' Lulju, imbagħad għall-10 ta' Novembru, 1987, meta xehed Philip Bonnici u l-Qorti nnominat lill-Perit Huntingford sabiex jaċċedi fuq il-post u jisma'

x-xhieda bil-ġurament, jagħmel pjanta ta' l-allegat bini bla permess u jirrelata dwar il-każ. Il-kawża mbagħad ġiet iddifferita għall-11 ta' Marzu, 1988, imbagħad għall-11 ta' Lulju, 1988, l-1 ta' Diċembru, imbagħad għat-22 ta' Frar, 1989 meta skond il-verbal a fol. 3 l-AIC Joseph Huntingford xehed fuq ir-relazzjoni minnu ppreżentata Dok. X. Il-kawża ġiet deċiża (ara fol. 3);

L-appellant qed jilmenta li l-Maġistrat daħħal lill-appellant biex jagħmel il-kawża li ġiet ittrattata kontra l-volonta' tiegħu u deċiża bla ma huwa kellu l-opportunita' li jagħmel sottomissjonijiet. Dana peress illi sfortunatament il-Qorti ma tatux l-opportunita' illi jkun assistit mid-difensur tiegħu;

Jiġi rrilevat li, għalkemm hemm indikat li fis-seduta ta' Frar il-kawża kienet ser tiġi ddifferita għal Mejju, imbagħad instemgħet dak in-nhar meta tfaċċa l-imputat, ma jirriżultax (mill-verbali) li l-imputat (l-appellant) talab għall-assistenza legali jew talab għal differiment biex ikun jista' jiġi assistit;

Kif ġie deċiż minn dina l-Qorti (ara App. Krim. **Pulizija *vs* Joseph Falzon** ta' l-10 ta' Ġunju, 1994) in-nuqqas ta' assistenza legali meta espressament mitluba ma tammontax għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li ġġib it-tħassir tas-sentenza skond l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'dana l-każ ma jirriżultax lanqas li l-appellant (imputat) talab għall-assistenza legali. Dina kienet kawża sommarja. L-istess prinċipju ġie ribadit fis-sentenzi App. Kost., 10.4.91, **Il-Pulizija *vs* Belin *sive* Benigno Saliba** u App. Kos. **Pulizija *vs* Victor Caruana *et***, 27.11.91. L-uniku rimedju f'każijiet simili kien li l-appellant jixhed fis-Sede ta' l-Appell għalkemm f'dan il-każ l-appellant (imputat) kien diġa' xehed fil-Qorti tal-Maġistrati;

Għalhekk lanqas dana l-aggravju m'hu sostenibbli;

L-appell jibqa' differit għall-kontinwazzjoni għall-Ġimgħa, 21 ta' April, 1995 fil-11.30 ta' filgħodu.